MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 34/2004/1

Rikors Nru: 34/2004

Henry Coppini

vs

Joseph Grixti

Il-Bord,

Ra r-rikors tar- rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2004 fejn espona:

Illi l-esponenti jikri lill-intimat il-fond numru disgha (9), Old College Street, San Giljan bil-kera annwa ta' erbatax-il lira Maltin (Lm14.00) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss hija pagabbli fl-1 ta' Novembru, 2004.

Illi l-kera ta' l-imsemmi fond m'hijiex gusta u xierqa u hemm lok li tigi awmentata.

Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex dan il-Bord jawmenta l-kera tal- fond numru disgha (9), Old College Street, San Giljan ghal wahda gusta u xierqa.

Ra r-risposta ta' l-intimat Joseph Grixti fejn espona:

Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent ghandu jipprova illi huwa l-proprjetarju tal-fond numru disgha (9), Old College Street, San Giljan.

Illi l-kera ta' dan il-fond kienet ga giet determinata mill-Bord u ghalhekk il-ligi ma tippermettix rikors gdid ghall-korrezzjoni ta' kera xierqa.

Illi fi kwalunkwe kaz il-kera huwa xieraq skond il-kriterji stabbliti mill-ligi.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' Ottubu, 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Fredrick Valentino u l-AIC John Sciberras.
Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ikkunsidra:

1. Il-fond in kwistjoni huwa dar qadima li l-kera xierqa tieghu giet iffissata fid-9 ta' Gunju, 1947 fl-ammont ta' erbatax-il lira (Lm14.00) fis-sena. La l-kera giet stabbilita b'sentenza tal-Bord, il-Bord ma jistax jistabilixxi kera ohra [Art. 4(2)(a)] tal- Kap 116

2. Billi l-Bord lahaq hatar periti teknici, l-Bord jirrevoka d-digriet tieghu tal-25 ta' Ottubru, 2005 u jordna l-isfilz tar-rapport.

3. Ghalhekk il-Bord ra l-kera xierqa giet stabbilita' mill-Bord b'sentenza tad-9 ta' Gunju, 1947 fl-ismijiet "Raphael Grixti vs Alfred Coppini" (Rikors 753/1947). Il-Bord jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontrih. (il-periti jithallsu mill-fond konsolidat u l-partijiet ma hu ser ibaghtu xejn

minhabba l-hatra tal-periti teknici li lahqu ghamlu access). Id-digriet ta’ hatra tal-periti qed jigi mhassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------